Verżjoni Elettronika

A.L. 55 tal-2023

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "l-Ħames Skeda".

Kap. 318.

Jemenda t-Taqsima II tal-Ħames Skeda.

2. It-Taqsima II tal-Ħames Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (ċ) tal-partita 2 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Mard tal-Arterji Koronarji"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (k) tal-partita 12 tagħha, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(l) Osteoporożi".